# Il-karozzi jgħinuna jew jeqirduna?

Ħadd ma jista' jgħid li l-karozzi mhumiex komdi. Bihom tivjaġġa aktar malajr u bil-kumdità. Tista' ġġor il-merkanzija mingħajr ma tqandilha u tivjaġġa ċertu distanzi li b'saqajk żgur ma tistax tasal. Minkejja dan kollu l-karozzi jġibu wkoll ħafna ħsara.

Tajjeb li tivjaġġa malajr ħalli tkun fil-ħin fejn għandek tmur. Imma, min-naħa l-oħra, ma tkunx qed tagħmel l-eżerċizzju meħtieġ għal saħħitna. Kemm nagħmlu aktar ġid lilna nfusna kieku nimxu jew insuqu r-rota!

Il-karozzi komdi imma hawn min jabbuża u tarah isuq b'veloċità qawwija u b'hekk jikkawża xi inċident li jista' jissarraf f'mewt ta' xi ħadd.

Veru li l-karozzi huma komdi imma m'għandniex għalfejn nużawhom kull darba li niċċaqalqu. Jekk il-ħanut qiegħed fil-kantuniera għandna mmorru bil-mixi u mhux naqilgħu l-karozza. Niftakru li l-karozzi jħammġu l-arja u dan huwa ta' ħsara kbira għal saħħitna. Jagħmlu wkoll ħafna ħsejjes tal-magni, tal-ħornijiet u tal-brejkijiet li jdejqu lin-nies speċjalment lill-anzjani.

Ħa nerġa' nsemmi ftit in-tniġġis. Id-duħħan tal-karozzi jġib bosta

mard bħall-ażżma u għalhekk nibdew inbatu biex nieħdu n-nifs. Id-duħħan jitla' 'l fuq u jerġa' jinżel fuqna meta tagħmel ix-xita li allura ssir xita aċiduża.

Illum hawn ħafna karozzi fit-triq għax familja waħda ġieli jkollha żewġ karozzi jekk mhux aktar. Meta jinqala' xi inċident u tkun għaddejja xi ambulanza jista' jkun hemm wisq karozzi fit-triq. Għalhekk l-ambulanza ma tasalx l-isptar fl-iqsar ħin u l-pazjent jista' jmut minħabba d-dewmien żejjed. L-istess jista' jiġri meta jaqbad x'imkien u l-*fire engine* iddum biex tasal minħabba t-traffiku.

Kif diġà għedt, il-karozzi huma komdi imma niftakru li qed inħallsu biz-zalza għal din il-kumdità. Hemm il-liċenzja, l-*insurance* u l-ħlas biex insewwu kull darba li l-karozza tiġrilha l-ħsara.

Dan kollu li jiena ktibt fuq, in-nies tafu. Imma xorta tiddeċiedi favur il-karozza. Jimpurtaha biss mill-kunditià u tagħlaq għajnejha għall-ispejjeż u għall-ħsara f'saħħitna li jġibu dawn l-imberkin karozzi.